# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 212/2010/1 JVC**

**Azzjoni Kattolika Maltija**

**v.**

**Mary Rose Espinosa, Anthony Farrugia, Monica Runco, Vincent Farrugia li għandu karta tal-identità 679652M, Carmel Farrugia, Rita Bonello, Alfred Farrugia, Maria Young, Vincent Laurence Farrugia li għandu karta tal-identità 395135M, Ersilia Casapinta u Michael Farrugia**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti u dwar appell inċidentali mressaq mill-attriċi wara li l-Qorti Ċivili – Prim' Awla laqgħet it-talba attriċi sabiex il-konvenuti jiġu ordnati jimmittuwha fil-pussess tal-immobbli mħolli lilha b'legat mingħand iz-ziju tal-konvenuti wara li qieset illi l-attriċi ma kisritx il-kundizzjoni imposta fit-testment marbuta ma' dak il-legat; filwaqt li ċaħdet it-talba attriċi għal ordni ta' żgumbrament wara li laqgħet l-eċċezzjoni illi l-attriċi naqset milli qabel it-talba għall-iżgombru titlob ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuti qed jiddetjenu l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

**Sfond**.

1. **Emanuel Farrugia (it-testatur)**, iz-ziju tal-konvenuti, miet ġuvni fil-21 ta' April 2007. B'testment tat-18 ta' Diċembru, 2004 huwa ħalla lill-konvenuti eredi universali tiegħu filwaqt li permezz tat-tieni artikolu testamentarju ħalla l-legat segwenti lill-attriċi Azzjoni Kattolika Maltija (AKM):

> "It-testatur qed ihalli b'titolu ta' Legat a favur l-Azzjoni Kattolika il-fond, cioe d-dar inkluz l-back garden u l-garaxx li hu adjacenti ghad-dar, accessibli minn bibien markati ufficjalment bin-numri tmienja u disgha (8 u 9) Notabile Road, Birkirkara, bl-arja libera taghha. Il-garaxx hu bla numru u bla isem u hu accessibli wkoll minn Notabile Road, Birkirkara kif ukoll hu accessibli mid-dar numru tmienja u disgha f'Notabile Road, Birkirkara sabiex la darba tinbiegh din id-dar l-irkavat ta` din id-dar jintuza biss ghallestenzjoni tal-bini tad-Dar ta` l-Anzjani Familja Mqaddsa, Numru tmienja u erbghin (48) Triq Markiz Scicluna, Naxxar.

It-testatur jiddikjara illi dan il-legat qed isir u qed jinghata peress illi t-testatur gie mwieghed mill-Amministrazzjoni li jigi milqut (recte: milqugħ) bhala resident f'kaz illi ttestatur jigi fil-bzonn fid-dar fuq imsemmija u li jinghata kamra "single" bil-kamra tal-banju maghha u li jhallas irrata ta` disa` liri Maltin u hamsin centezmu (Lm9.50) kuljum meta jidhol residenti.

It-testatur qieghed ukoll jiddikjara illi f'kaz illi hu ma jigix fil-bzonn sabiex jidhol residenti fid-dar tal-Anzjani fuq imsemmija hu xorta wahda jixtieq li l-proprjeta` fuq imsemmija fi Notabile Road Birkirkara tithalla bhala legat lill-Azzjoni Kattolika ghall-iskop fuq imsemmi biss u cioe ghall-estenzjoni tad-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar.

It-testatur ghal kull buon fini qed jiddikkjara illi l-affarijiet mobbli kollha li jinsabu fid-dar fuq imsemmija mhumiex inkluzi f'dan il-legat u b'hekk l-affarijiet mobbli tad-dar jghaddu a favur l-eredi tat-testatur kif ser jinghad hawn taht."

2. Wara li miet zijuwhom il-konvenuti rrifjutaw li jimmettu lill-AKM fil-pussess ta' dan il-legat. Apparti l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, jikkontendu illi AKM tilfet il-jedd li tirċevi dan il-legat għaliex jallegaw illi AKM kisret il-kondizzjoni li kienet marbuta ma' dan il-legat għaliex jikkontendu li meta t-testatur ġie fil-bżonn u talab lil AKM sabiex jidħol fid-dar tal-anzjani tagħha, din irrifjutat. Jisħqu għalhekk illi AKM tilfet id-dritt għal dan il-legat u li l-fond immobiljari allura jappartjeni lilhom u mhux lil AKM.

3. Min-naħa tagħha AKM tgħid illi fis-16 ta' April, 1996 it-testatur kien mela' applikazzjoni sabiex jidħol fid-dar tal-anzjani msemmija però kien interessat li jidħol fl-estensjoni tad-dar li AKM kien beħsieba tibni. It-testatur kien informa lid-diriġenti tad-dar tal-anzjani in kwistjoni li huwa kien beħsiebu jħalli d-dar tiegħu b'legat lil AKM u li b'kumpens xtaq li meta jasal iż-żmien jiġi aċċettat fid-dar tal-anzjani, fejn ikollu kamra għalih

attrezzata b'kamra tal-banju privata u li l-kontribuzzjoni tiegħu tkun ta' LM9.50 kuljum. Fis-26 ta' Ottubru 2004 it-testatur Emanuel Farrugia, għamel dikjarazzjoni bil-miktub, iffirmata wkoll minn Joseph Roassi, amministratur tad-dar tal-anzjani in kwistjoni fil-presenza wkoll ta' terza persuna bħala xhud, fejn iddikjara illi "... qiegħed mill-ġdid nistqarr dak li kont tkellimt dwaru ma' Dun Fawstin Ellul fl-1996, jiġifieri li nħalli d-Dar tiegħi, 8 u 9 Notabile Road, B'Kara lill-Azzjoni Kattolika biex tintuża biss għall-estensjoni tal-bini tad-Dar ta' l-Anzjani Familja Mqaddsa, Naxxar (48 T(r)iq Markiż Scicluna) ... Nifthem li fil-mument tal-bżonn l-Amministrazzjoni tad-Dar tilqani bħala resident u tipprovdili kamra "single" bil-kamra tal-banju magħha. Jiena nħallas ir-rata ta' Lm9.50 kuljum meta nidħol resident".

4. AKM issostni għalkemm f'diversi okkażjonijiet ikkomunikat mat-testatur toffrilu jidħol jgħix fid-dar tal-anzjani imsemmija, huwa kien f'kull okkażjoni jinformaha illi filwaqt li ma kienx għadu wasal il-waqt għal dak il-pass fl-istess ħin jitlobhom sabiex iżommuh fuq il-lista tal-applikanti. Għaldaqstant AKM issostni illi mhux minnu l-allegazzjoni tal-konvenuti li AKM kienet irrifjutat li tilqa' lit-testatur fid-dar tal-anzjani. Tgħid illi hija ma kisritx il-wegħda li kienet għamlet lit-testatur li meta jrid seta' jibda jirrisjedi fid-dar tal-anzjani minnha ġestita.

5. Peress li wara li l-konvenuti ġew interpellati minn AKM sabiex jimmittuwaha fil-pussess ta' dan il-legat irrifjutaw, AKM istitwit il-kawża odjerna fejn ippremettiet u talbet lill-Qorti Ċivili – Prim' Awla s-segwenti:

> "1. 'Illi, fil-21 t'April, 2007, miet fil-Pieta' iz-ziju tal-konvenuti, Emanuel Farrugia, bin il-mejtin Vincenzo Farrugia u Maria Farrugia nee' Debattista, imwieled il-Hamrun, u kellu karta ta' l-identita' numru 563118M (Dok. A 1);
>
> 2. Illi, bl-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil, LL.D., tat-18 ta' Dicembru, 2004, (Dok. A 2, Dok. A 3, u Dok. A 4), l-istess Emanuel Farrugia halla legat lill-ghaqda attrici li jikkonsisti fil-fond, u cioe' d-dar inkluz ilback garden u l-garaxx li hu adjacenti ghad-dar, accessibbli minn bibien markati ufficjalment bin-numru tmienja u disgha (8 u 9), Notabile Road, Birkirkara, bl-arja libera taghha, hekk kif deskritta fl-istess tesment u bid-drittijiet u lpertinenzi kollha taghhom, u istitwixxa b'eredi tieghu universali u padruni assoluti tal-assi kollu tieghu lil konvenuti bid-dritt tas-sostituzzjoni favur uliedhom;
>
> 3. Illi l-ghaqda attrici ghandha nteress li tidhol fil-pussess legali tal-legat fuq imsemmi;
>
> 4. Illi, interpellati, anke per mezz ta' ittra ufficjali, sabiex jimmittu lill-ghaqda attrici fil-pussess ta' l-imsemmi legat, listess konvenuti baqghu inadempjenti;
>
> Ghaldaqstant, l-ghaqda attrici titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha :
>
> > 1. Tikkundanna lill-istess konvenuti jimmettu lill-istess Azzjoni Kattolika Maltija fil-pussess ta' l-imsemmi legat, u konsegwentement jipprestawlha l-istess legat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, liema immissjoni ghandha ssir in forza tas-sentenza jew bi kwalunkwe mod iehor li jkun ordnat minn din il-Qorti bilprovvedimenti opportuni, inkluz l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhom minn din il-Qorti;
> >
> > B'riserva ta' drittijiet ohra u ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-ghaqda attrici, u bl-ispejjez, inkluzi €170.74 tal-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Frar, 2009, kontra l-istess konvenuti, li minn issa jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.'."

6. Il-konvenuti **Mary Rose Espinosa, Anthony Farrugia, Monica Runco, Vincent Farrugia, Carmel Farrugia, Rita Bonello, Alfred**

**Farrugia, Maria Young, Vincent Laurence Farrugia, Ersilia Casapinta u Michael Farrugia (il-Konvenuti)** laqgħu għat-talbiet attriċi billi resqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. 'Illi fl-ewwel lok, in via preliminari u assolutament minghajr pregudizzju, l-Azzjoni Kattolika Maltija m'ghandha l-ebda locus standi sabiex tisstitwixxi kawza ta' din n-natura, peress li la hija persuna guridika u lanqas korp morali li tista' toqghod bhala parti f'kawza, u di piu' mhijiex ghaqda kostitwita u/jew registrata skond kif tesigi l-ligi, u ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati millosservanza tal-gudizzju.
>
> 2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-entita' attrici trid tipprova li qabel ma istitwiet il-proceduri odjerni hallset it-taxxi kollha dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mal-legat minnha pretiz. Fin-nuqqas, hawn ukoll il-konvenuti ghandhom jigu liberati millosservanza tal-gudizzju.
>
> 3. Illi dato ma non concesso illi ma jigux milqguha l-ewwel zewg eccezzjonijiet, u dejjem bla pregudizzju ghas-sueccepit, hawnhekk si tratta ta' legat li huwa kondizzjonat, u illi salgurnata tal-mewt tat-testatur, il-kundizzjoni msemmija fitTieni Artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil tat-18 ta' Dicembru tas-sena 2004 ma avveratx ruhha; u dan kif se jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza. Ghalhekk l-entita' attrici ma tistax titqieghed fil-pussess tieghu kif qed titlob fil-kawza odjerna.
>
> 4. Illi fi kwalunkwe kaz, jekk tali legat gie in vigore bis-sahha tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu Tnejn tat-testment sucitat ghandu jigi rilevat illi dan il-legat allura huwa limitat ghaddar u mhux ghall-garage."

7. Illi kwantu jirrigwarda t-talbiet, dawn huma ġenerici in kwantu anke intalab l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond mertu tal-legat fuq imsemmi mingħajr ma saret talba għal dikjarazzjoni li huma qed jokkupaw mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; illi għalhekk kwantu jirrigwarda din il-parti tat-talba din żgur li m'għandhiex tintlaqa'.

8. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-22 ta' April, 2021 l-Ewwel Qorti iddeċidiet il-kawża billi:

> 1. "Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti salv il-hames eccezzjoni li qed tigi milqugha;
>
> 2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament u tikkundanna lill-konvenuti jimmettu lir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija fil-pussess tal-legat tal-fond u cioe' dar inkluz il-back garden u l-garaxx adjacenti ghad-dar, accessibbli minn bibien markati ufficjalment bin-numri tmienja u disgha (8 u 9), Notabile Road, Birkirkara bl-arja libera taghha kif ahjar deskritta fit-testment, u konsegwentement tikkundannhom jipprestawlha l-istess legat ghall-finijiet u effetti kollha talligi. Ghal dan l-ghan il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel sabiex jippubblika l-att relattiv u atti ancillari sabiex issehh l-immissjoni fil-pussess fi zmien massimu ta' xahrejn minn meta din id-decizjoni tghaddi in gudikat. Tinnomina lil Dr Alex Scerri Herrera sabiex jidher fuq l-att bhala kuratur in rappresentanza tal-konvenuti li jistghu jonqsu milli jidhru fuq l-istess att.
>
> 3. Ghar-ragunijiet kif suesposti, tichad it-talba tar-rikorrenti f'dik il-parti fejn intalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-proprjeta' in kwistjoni, b'riserva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti f'dan ir-rigward jekk ikun il-kaz.
>
> Bl-ispejjez kif mitluba, ghajr ghal dawk tat-tieni eccezzjoni li ghandhom jiqbghu bla taxxa bejn il-partijiet, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

9. Il-konvenuti ħassewhom aggravati b'dik is-sentenza u b'rikors tal-appell tat-12 ta' Mejju, 2021, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu lil din il-Qorti sabiex "tirriforma s-sentenza mogħtija ... billi tikkonfermaha fejn ċaħdet it-talba għall-iżgumbrament, u tibdilha in kwantu fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti issa appellata, tiċħad b'hekk it-talbiet kollha tal-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata".

10. AKM laqgħet għal dan l-appell b'risposta u appell inċidentali ppreżentati fl-1 ta' Ġunju, 2021 fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija,

talbet lil din il-Qorti sabiex lis-sentenza appellata "tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talba tar-rikorrenti limitatament u kkundannat lill-konvenuti jimmettu lir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija fil-pussess tal-legat tal-fond ..... u tibdilha fejn iddikjarat illi l-legat imħolli minn Emanuel Farrugia verament kien suġġett għall-kundizzjoni u fejn l-istess Qorti ċaħdet it-talba attriċi għall-iżgumbrament tal-konvenuti mid-dar imħollija b'legat u tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti".

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

12. Permezz tar-rikors tal-appell tagħhom il-konvenuti (minn issa wkoll l-Appellanti) resqu żewġ aggravji.

13. Permezz tal-ewwel aggravju jgħidu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u tal-fatti miġjuba quddiemha meta ddeċidiet illi l-appellata għandha interess ġuridiku minkejja l-fatt li ma kinitx reġistrata 'skont il-Liġi'. Jissottomettu illi AKM m'għandiex eżistenza awtonoma u ġuridika li tatha dritt tippromwovi l-kawża kif għamlet. Jgħidu illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta straħet fuq l-istatut tal-Azzjoni Kattolika Maltija mingħajr ma nġabet ebda prova oħra da parti tal-awtorità

ekkleżjastika li tirrikonoxxi l-għaqda bħala waħda mwaqqfa taħt is-setgħat tagħha skont il-Liġi Kanonika. Għalkemm jikkonċedu illi entita' reliġjuża takkwista personalita' ġuridika jekk ikollha l-approvazzjoni mingħand l-awtoritajiet ekleżjasitiċi, fl-istess ħin jisħqu li AKM kellha ġġib il-prova li għandha "dawn ir-rikonoxximenti u approvazzjonijiet" mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u fin-nuqqas il-prova tal-personalita' ġuridika distinta ma saritx.

14. L-appellanti jirreferu wkoll għall-fatt li fil-mori tal-kawża AKM marret tirreġistra ruħha mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji. Minn dan jisiltu l-argument illi kieku minnu li AKM kellha personalita' ġuridika bis-saħħa tar-rikonoxximent tal-awtorità ekkleżjastika li tallega li għandha ma kelliex għalfejn tmur tirreġistra ruħha kif għamlet mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Jistaqsu għalhekk illi "Jekk varament kellha reġistrazzjoni taħt il-Liġi Kanonika, u din kienet ittiha drittijiet ta' personalita' ġuridika daqs kull entita' oħra magħrufa mil-liġi, għaliex għamlet ir-reġistrazzjoni sussegwentement?"

15. Jargumentaw il-konvenuti li għandha tapplika l-massima illi *quod non est in actis non est in mundo* bil-konsegwena li fin-nuqqas ta' xhieda ta' rappreżentant tal-awtorita' ekkleżjastika li jikkonferma illi AKM "hija entita' rikonoxxuta skont il-Liġi Kanonika", ma jistax jingħad illi il-prova meħtieġa mil-Liġi inġiebet". Ikomplu li l-unika prova li hemm hija illi fiż-żmien illi bdiet il-kawża l-attriċi ma kinitx NGO u lanqas kienet reġistrata

mal-awtorita' kompetenti. Jisħqu għalhekk illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma applikatx ir-regola li fil-kawża għandha tinġieb l-aħjar prova. Skont l-appellanti is-*self declaration* fl-istatut tal-AKM ma tissodisfax l-oneru tal-aħjar prova.

16. AKM tilqa' għal dan l-aggravju billi ssostni illi kwalunkwe dubju dwar il-personalita' ġuridika tagħha tneħħa meta ppreżentat sew kopja tal-istatut tagħha kif wkoll tad-digrieti rilevanti tal-Konferenza Episkopali. Tgħid illi mhux minnu dak allegat mill-appellanti li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq "self-declaration" imma kellha quddiemha wkoll id-digriet tal-Konferenza Episkopali li permezz tiegħu ġie promulgat l-istatut tagħha.

Ikkunsidrat;

17. Persuna ġuridika li mhijiex persuna fiżika, hija organiżmu unitarju meqjus mill-ordinament ġuridiku bħala suġġett tad-dritt. Entita' b'kapaċita ġuridika proprja u distinta minn dik tal-persuni fiżiċi li jikkomponuwha. Għalhekk il-persuna ġuridika għandha massa ta' interessi distinti minn dawk tal-persuni fiżiċi li jiffurmawha. Dawn is-suġġetti tad-dritt huma rikonoxxuti mil-liġi u jeżistu spalla ma' spalla u mhux f'antitesi mal-persuni fiżiċi. Bħala linja ġenerali jippresupponu għaqda ta' elementi varji, kemm materjali u kemm personali, sabiex jintlaħaq skop kollettiv li jmur lil hinn minn dak li tista' tagħmel il-persuna waħedha. Naturalment il-persuna ġuridika ma tħaddanx jeddijiet partikolari għall-persuna fiżika bħalma

huma l-jedd għall-familja jew il-jedd għall-ħajja iżda fl-istess ħin tista' tkun benefiċjarju ta' disposizzjonijiet testamentarji.[1]

18. In-nozzjoni ta' personalita' ġuridika m'għandiex tiġi konfuża man-nozzjoni ta' soġġettivita' ġuridika. In-nozzjoni ta' "persuna" u ta' "personalita' ġuridika" huma aktar ristretti minn dik ta' "enti ġuridika' jew ta' "soġġettivita' ġuridika". Id-dottrina tgħallem illi jġawdu personalita' ġuridika dawk l-entitajiet li jgawdu minn awtonomija patrimonjali perfetta, u cioe' dawk l-entitajiet illi mhux biss għandhom bħal kulħadd patrimonju tagħhom imma li bl-istess mod bħal persuni fiżiċi jirrispondu għall-obbligazzjonijiet tagħhom b'dak il-patrimonju. [2]

19. Il-**Kostituzzjoni ta' Malta** tipprovdi li kull persuna f'Malta hija ntitolata għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu inkluż il-liberta' ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika (**Art. 32 (b)**). Tipprovdi wkoll illi ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, id-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu. (**Art. 42 (1)**).

20. Persuna tista' tkun persuna fiżika u tista' tkun persuna ġuridika. F'kull att mgħoddi mill-Parlament Malti wara d-dħul fis-seħħ tal-**Att dwar**

[1] **Alberto Trabucchi** - Istituzioni di Diritto Civile - Cedam 50th Ed.;
[2] **Torrente & Schlesinger** - Manuale di Diritto Privato - Giuffre' 26th Ed.'

**l-Interpretazzjoni**[3], l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqda jkunu persuna ġuridika, skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, sew jekk le, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor. Persuni fiżiċi huma regolati bit-Titolu I sat-Titolu VIII tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili filwaqt li persuni ġuridiċi huma regolati bit-Tieni Skeda tal-istess Kodiċi Ċivili. Persuni ġuridiċi jgawdu l-istess drittijiet u setgħat li jappartjenu lil persuni fiżiċi ħlief dawk li huma esklużi bin-natura tagħhom stess, bl-att kostituttiv tagħhom, jew b'dispożizzjoni espressa tal-liġi.[4] (ara **Nazzareno u Josephine Mary konjuġi Pisani v. Brother Saviour Gatt f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta'** ***Stella Maris College*** **u** ***De La Salle Brothers (Freres)***. - Prim' Awla - 14 ta' Ottubru, 2005; konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009).

21. Organizzazzjoni tfisser universalità ta' persuni li jassoċjaw ruħhom jew universalità ta' beni li huma approprijati biex jinkiseb għan legali li jkollha forma rikonoxxuta mil-liġi, u li tista' tkun persuna ġuridika skont il-liġi. L-organizzazzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti f'forom ġuridiċi differenti. L-iskop leġittimu ta' organizzazzjoni m'għandux ikun kontra l-morali u l-politika pubblika, liema skop jew skopijiet għandhom jikkonsistu f'waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 1 (4) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili.[5]

[3] Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 1975
[4] Art. 1A, Kodiċi Ċivili
[5] Art. 1 (1) (2) (3), Tieni Skeda, Kodiċi Ċivili

22. Kull organizzazzjoni għandha tiġi kategorizzata skont l-għan tagħha. Wieħed mill-għanijiet ta' organizzazzjoni jista' jkun li tippromwovi esklussivament skop soċjali jew pubbliku fuq bażi ta' nuqqas ta' profitt, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe benefiċċju pubbliku, jew jekk għandha xi benefiċjarji, għandha tkun għall-benefiċċju ta' benefiċjarji b'interess pubbliku. Jikwalifikaw bħala benefiċjarji b'interess pubbliku dawn li ġejjien: (i) organizzazzjonijiet li huma nfushom huma stabbiliti esklussivament għal skopijiet soċjali jew pubbliċi fuq bażi ta' nuqqas ta' profitt; (ii) organizzazzjonijiet reliġjużi; (iii) organizzazzjonijiet pubbliċi; jew (iv) benefiċjarji msemmijin fl-artikolu 32(8) tal-Kodiċi Ċivili.[6]

23. 'Organizzazzjoni reliġjuża' tfisser organizzazzjoni stabbilita minn awtorità reliġjuża jew organizzazzjoni reliġjuża oħra ta' kwalunkwe denominazzjoni sabiex jintlaħaq għan reliġjuż, inkluża fondazzjoni pija jew entità ekkleżjastika, kif imfisser fit-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili.[7]

24. <u>Organizzazzjonijiet reliġjużi mwaqqfa bħala fondazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet għal għanijiet imfissra f'liġijiet reliġjużi applikabbli, m'għandhomx ikunu soġġetti għal, jew b'xi mod regolati minn din l-Iskeda u għandhom ikunu regolati bir-regoli reliġjużi relattivi. [8][9]</u>

[6] Art. 1124G (1), Kodiċi Ċivili
[7] Art. 1 (3) (n), Tieni Skeda, Kodiċi Ċivili
[8] Art. 28, Tieni Skeda, Kodiċi Ċivili
[9] Skont Art. 1.1.2 tal-Istatut Ġenerali tal-AKM, AKM "Hi Assoċjazzjoni pubblika mwaqqfa mill-Provinċja Ekkleżjastika ta' Malta skont il-Liġi Kanonika tal-Knisja Kattolika; hija rregolata mill-kanoni 312-320 (CIC 1983) u mmexxija minn lajċi fuq bażi volontarja".

25. Għall-finijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili "entità ekkleżjastika" hija assoċjazzjoni ta' persuni jew firxa wiesgħa ta' oġġetti li huma stabbiliti mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti jew awtorità oħra reliġjuża, sabiex ikunu jistgħu, f'isem dik l-awtorità u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti, iwettqu d-dmir speċifiku fdat lilhom in vista tal-ġid pubbliku, inkluża t-trasmissjoni ta' tagħlim reliġjuż, il-promozzjoni tal-qima pubblika u t-twettiq ta' proġetti li huma adegwati għax-xorta tagħhom u regolati mill-istatuti tagħhom taħt l-ogħla direzzjoni tal-imsemmija awtorità. Dawn l-entitajiet jinkludu djoċesi, parroċċi u l-istituzzjonijiet tal-ħajja kkonsagrata u soċjetajiet tal-ħajja appostolika, u jinkludu organizzazzjonijiet simili ta' kwalunkwe denominazzjoni reliġjuża.[10]

26. Meta obbligazzjoni fiduċjarja hija mposta jew assunta minn organizzazzjoni reliġjuża, għandhom japplikaw il-liġi Kanonika u leġiżlazzjoni oħra li tirregola l-organizzazzjonijiet reliġjużi u għandhom jissuperaw fuq id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VII tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili intitolat "Fuq l-Obbligazzjonijiet Fiduċjarji".[11]

27. Organizzazzjoni volontarja hija organizzazzjoni li tinħoloq jew tiġi stabbilita (*a*) għal kwalunkwe skop soċjali inkluż dak li jikkwalifika bħala skop pubbliku jew għall-benefiċċju pubbliku; (*b*) mingħajr skop ta' profitt; u (*ċ*) hija volontarja, kemm jekk hija reġistrata, jew tista' tiġi reġistrata

[10] Art. 26 (7) (b), Tieni Skeda, Kodiċi Ċivili
[11] Art. 1124G (3), Kodiċi Ċivili

bħala persuna legali skont it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, u anke jekk le, u kemm jekk hija iskritta jew tista' tiġi iskritta taħt dan l-Att u anke jekk le.[12]

28. Organizzazzjoni m'għandhiex titqies li hija organizzazzjoni volontarja jekk hija: (i) kkontrollata mill-Gvern; jew (ii) aġenzija pubblika.[13]

29. B'konferma tal-libertà ta' assoċjazzjoni garantita mill-Kostituzzjoni u l-liġijiet ta' Malta, assoċjazzjoni ta' persuni ma tkunx meħtieġa tikkwalifika bħala persuna ġuridika bħala kondizzjoni minn qabel sabiex dik l-assoċjazzjoni ta' persuni tkun tista' twettaq attivitajiet legali skont xi wieħed mill-għanijiet li għalihom tkun ġiet stabbilita.[14]

30. Ġie kostantement ritenut fil-ġurisprudenza nostrana illi assoċjazzjonijiet u organiżżazzjonijiet għandhom personalita' distinta minn dik tal-membri li jikkomponuwhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuti ħawdu l-kunċett ta' personalita' ma' dak ta' inkorporazzjoni bħallikieku fost il-korpi ġuridiċi huma s-soċjetajiet reġistrati biss li għandhom personalita' (ara. **Francis Busuttil & Sons Limited vs Saviour Cacciatolo** - Prim' Awla - 31 ta' Mejju 2005). Huwa **artikolu 4 (d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni**[15] stess li jipprovdi illi fejn liġi

[12] Art 3, **Att dwar l-Għaqdiet Volontarji**, Kap. 492 Liġijiet ta' Malta.
[13] Art. 3 (3) (a), Kap. 492
[14] Art. 1 (8), Tieni Skeda, Kodiċi Ċivili.
[15] Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta;

tikkontempla “persuna” din tinkludi għaqda jew korp ieħor ta’ persuni, sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika jew le.

31. Inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Anthony Bugeja v. Carmelo Agius et.** mogħtija fl-4 ta’ Ottubru, 1991 illi “Kull forma ta’ assoċjazzjoni magħmula a bażi ta’ kuntratt soċjali, sakemm il-finalitajiet ta’ dak il-kuntratt ma jkunx impossibli, projbiti mil-liġi, kontra l-morali u l-ordni pubbliku, hija nvestita b’personalita` guridika….” Fuq l-istess linja ta’ ħsieb is-sentenza tal-Qorti tal-Appell **E.A. Avallone v. A. Delia pro et. noe.** mogħtija fis-16 ta’ Diċembru, 1991:

> “Il-persuni fizici li jiftehmu u jaghmlu skrittura privata jew att pubbliku biex jiffurmaw socjeta` civili, cioe` mhux kummercjali joholqu persuna guridika distinta u separata mill-istess persuni li jikkomponuha, kif jidher car mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili – mill-artikolu 1644 sa l-artikolu 1688. Minn dawn is-socjetajiet hawn numru konsiderevoli bhalma huma dawk tal-kazini tal-Banda f’diversi bliet u rhula, kazini tal-isport, specjalment tal-futbol, socjetajiet politici kostitwiti f’partiti u simili. Dawn kollha ghandhom personalita` guridika separata u distinta mill-membri taghha.”

32. L-aggravju tal-appellanti huwa essenzjalment kritika tas-sentenza appellata li straħet fuq provi li ma jissodisfawx ir-rekwiżit tal-aħjar prova. Jinsistu illi ma nġabitx l-aħjar prova dwar l-approvazzjoni tal-awtorità ekkleżjastika għall-istatut tal-istess AKM. Mill-kumpless tal-provi huwa aktar minn evidenti illi ġie sodsfaċentement ippruvat illi din l-approvazzjoni qegħda hemm u kienet hemm f’kull emenda li saret għall-istess statut ġenerali.

33. L-Ewwel Qorti ċaħdet dik l-ewwel eċċezzjoni wara li rraġunat kif isegwi:

"Permezz ta' nota ntavolata nhar it-18 ta' Marzu, 2011 ir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija pprezentat l-istatut generali li kien sar bl-approvazzjoni ta' l-Awtorita' Ekklesjastika li jmur lura ghas-sena 1965 (ara statut generali a fol. 34 tal-process). Jirrizulta li ghalkemm mhux registrata l-ghaqda attrici kellha personalita' guridika fiz-zmien rilevanti ghall-mertu tal-kawza, u dan ghaliex kif jirrizulta mill-atti kellha statut taghha approvat mill-Awtorita' Ekklesjastika. L-istatut kien jistabbilixxi li ghandu jkun hemm President Generali nominat mill-Episkopat tal-Provincja Maltija, li flimkien ma' l-Assistent Ekklesjastiku Generali huwa responsabbli tat-tmexxija ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija. Ukoll il-President Generali kellu wkoll l-irwol illi:

'(b) Jirrapprezenta l-A.K.M. f'dak kollu li jirrigwarda lattijiet civili, taht kull aspett; huwa jista', f'kazijiet partikolari, meta jidhirlu li hu mehtieg, jiddelega lil persuna jew persuni ohra dawn il-poteri u funzjonijiet civili kollha tieghu, jew parti minnhom, taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xieraq u opportuni.'

Dan l-istatut generali gie recentement emendat, liema emendi gew approvati permezz ta' digriet tal-5 ta' April, 2019 tal-Konferenza Episkopali Maltija u dahlu fis-sehh fl-14 ta' April, 2019 (ara digriet u statut generali emendat a fol. 135 et seq tal-process). F'dan listatut emendat gie ndikat b'mod car li l-Azzjoni Kattolika Maltija hija assocjazzjoni pubblika mwaqqfa mill-Provincja Ekklezjastika ta' Malta skont il-Ligi Kanonika tal-Knisja Kattolika. Hekk jiddetta dan l-istatut illi:

'1.1 In-Natura Ekklezjali tal-Azzjoni Kattolika Maltija 1.1.1 L-Azzjoni Kattolika Maltija (AKM) hija ghaqda ta' lajci li minn rajhom jissiehbu f'sura organika u shiha, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, f'xirka malIsqof u mal-Presbiteri, biex skont is-sejha proprja taghhom, u b'metodu specifiku, jghinu, ghattkabbir tal-komunità nisranija kollha, fil-hidma pastorali u fit-thabbir tal-Evangelju fl-ambjenti kollha tal-hajja, bil-fedeltà kollha u b'kull hegga.
1.1.2 Hi assoccjazzjoni pubblika mwaqqfa mill-Provincja Ekklezjastika ta' Malta skont il-Ligi Kanonika tal-Knisja Kattolika; hija rregolata mill-kanono 312-320 (CIC 1983) u mmexxija minn lajci fuq bazi volontarja.
1.1.3 Hi ghaqda mhux governattiva.
1.1.4 Hija organizzazzjoni li ma taghmilx profitt kif definit fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Ligijiet ta' Malta).'

Fil-mori tal-kawza xehdu Sebastian Micallef – rapprezentant tal-Kummissarju Ghal Organizzazzjonijiet Volontarji (fol. 28 et seq); Dr Claude Sapiano – bhala rapprezentant tar-Registru tal-Artijiet (fol. 36 et seq); u l-Ispettur James Grech – bhala rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 44 et seq) li lkoll ikkonfermaw li rrikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija m'hijiex registrata maghhom. Madanakollu jirrizulta li r-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija ricentament irregistrat ruhha mal-Kummissarju

> Ghal Organizzazzjonijiet Volontarji. Di fatti gie pprezentat vera kopja ta' certificate of enrolment minn fejn jirrizulta li nhar il-15 ta' Ottubru 2019, l-Azzjoni Kattolika Maltija giet registrata u rikonoxxuta bhala ghaqda volontarja bin-numru ta' identifikazzjoni VO/1743 (ara s-certificate of enrolment a fol. 164 talprocess).
>
> Ghalkemm jigi nnutat li l-ghaqda Azzjoni Kattolika Maltija giet registrata bhala ghaqda volontarja skont il-Ligi ferm wara l-ftuh tal-kawza odjerna, il-Qorti ma tarax li ghandha tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-intimati stante li anke qabel tali registrazzjoni r-rikorrenti kellha personalita' guridika. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak espost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari."

34. A fol. 34 tal-proċess hemm eżebit kopja oriġinali tas-sena 1965 tal-**Istatut Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Maltija**. Minn dan id-dokument jemerġi *inter alia* l-iskop tat-twaqqif tagħha u l-istritturi fi ħdanha fosthom dawk tat-tmexxija. Rilevanti għall-każ odjern hija **klawsola 4 ta' Kapitolu 1** ta' dan l-istatut fejn jingħad illi: "L-A.K.M. tinfirex fil-Provinċja Ekkleżjastika Maltija, tħaddan flimkien fidili taż-żewġ Djoċesijiet, u twettaq ħidma tagħha b'dipendenza diretta u kolleġjali mill-Episkopat tal-Provinċja." L-istess dokument huwa wkoll xhieda ta' żewġ digrieti ta' approvazzjoni ekklesjastika li ingħataw l-ewwel permezz ta' digriet tal-11 ta' Settembru, 1965 mogħti mill-Arċisqof ta' Malta fejn jingħad: "*Approviamo questi Statuti, che in generale riproducono gli Statuti anteriori, e caldamente raccomandiamo la loro generosa osservanza*". Filwaqt li t-tieni digriet huwa datat 29 ta' Settembru, 1965 mogħti mill-Isqof ta' Għawdex: "*Adprobamum et confirmamus haec nova Statuta Actionis Catholicae. Gaudisii, ex Aedibus Ep. Alibus*". Dan l-istatut ġenerali reġa ġie emendat fis-sena 2019 liema emendi ġew approvati permezz ta' digriet tal-5 ta' April, 2019 tal-Konferenza Episkopali Maltija

u daħlu fis-seħħ fl-14 ta' April, 2019.[16] Jingħad hekk f'dan id-digriet: "Il-Konferenza Episkopali Maltija, wara li studjat l-emendi għall-Istatut tal-Azzjoni Kattolika Maltija, approvat l-Istatut kif ippreżentat nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2019. Għalhekk, b'dan id-Digriet qed nippromulga l-Istatut kif approvat f'din il-laqgħa tal-Konferenza Episkopali Maltija tal-5 ta' Marzu 2019, u anness ma' dan id-Digriet bħala parti integrali tiegħu. ….". Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, f'dan l-istatut emendat ġie ndikat b'mod car li l-Azzjoni Kattolika Maltija hija assoċjazzjoni pubblika mwaqqfa mill-Provinċja Ekkleżjastika ta' Malta skont il-Ligi Kanonika tal-Knisja Kattolika. Jingħad hekk f'Artikolu 5.1 ta' Kapitolu 5 tal-Istatut Ġenerali:

> "L-Azzjoni Kattolika Maltija, imwaqqfa f'persuna morali mill-Awtorità Ekkleżjastika, għandha l-jedd li tipposjedi ġid materjali (mobbli u immobbli), skont il-liġijiet tal-Knisja Kattolika u skont il-liġijiet ċivili ta' Malta".

35. Fil-15 ta' Ottubru, 2019 AKM ġiet reġistrata mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u inħarġilha ***Certificate of Enrolment***.[17] L-appellanti jsostnu illi din ir-reġistrazzjoni fil-mori tal-kawża mhijiex rilevanti ġialadarba AKM ma kenitx hekk reġistrata meta ntavolat il-kawża odjerna. L-appellanti mhux korretti f'tali sottomissjoni. Anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss ir-reġistrazzjoni ta' AKM kienet meħtieġa sabiex tottjeni

[16] Fol. 135

[17] VO/1743 - fiċ-ċertifikat il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jiddikjara illi qed jirreġistra lil AKM bħala assoċjazzjoni (Faith-Based Organisation)

personalita' ġuridika; bil-fatt li ġiet reġistrata kienet tkun qed tissana l-pożizzjoni tagħha.

36. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-reġistrazzjoni ta' AKM mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji ma tatx lil AKM personalita' li qabel ma kelliex imma rikonoxximent mill-istat ta' personalita' ġia eżistenti. Il-personalita' ta' AKM ma kenitx tiddependi minn tali reġistrazzjoni imma mill-eżistenza tagħha mwaqqfa permezz tal-istatut ġenerali approvat mill-awtorità ekkleżjastika. L-ebda liġi ma tipprovdi illi jekk ma tkunx hekk reġistrata ma tistax tadixxi lill-qrati sabiex il-jeddijiet tagħha jiġu protetti. Rilevanti dak miżmum mill-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana** f'kawża fejn waħda mill-partijiet kienet parroċċa fl-Italja filwaqt li l-parti l-oħra sostniet illi sakemm il-parroċċa ma ġietx reġistrata fir-reġistru tal-entitajiet ġuridiċi kienet ineżistenti. Qalet hekk il-Qorti Taljana:

> *"In tema di soggettività degli enti ecclesiastici, il riconoscimento, agli effetti civili, della personalità giuridica della parrocchia con la pubblicazione del decreto del Ministero dell'Interno, ai sensi dell'art. 29 della legge n. 222 del 1985, comporta non già l'estinzione di quel soggetto e la nascita di uno nuovo, bensì una vicenda meramente evolutivo-modificativa di quello stesso soggetto che, fino alla pubblicazione del decreto ministeriale, ha natura di ente di fatto e, come tale, soggetto di diritto "rilevante" per l'ordinamento statuale quale centro di imputazione di diritti ed obblighi, con conseguente applicazione delle norme di diritto comune.[18]"*

37. Interessanti l-opinjoni espressa da parti tal-istudjuż **Ulrich Rhode** fir-riċerka tiegħu intitolata ***La Personalita' Giuridika degli Enti***

[18] Sez. 1 - , Ordinanza n. 14247 del 04/06/2018 (Rv. 649465 - 01)

***Ecclesiastiċi negli Ordinamenti Civili*,**[19] riċerka mifruxa f'diversi pajjiżi inkluż Malta, fejn jgħid illi: "*In Malta le diocesi, le parrocchie e gli istituti religiosi sono fra quegli enti che per diritto consuetudinario godono della personalità giuridica privata*". **Trabucchi** da parti tiegħu jikkondividi l-opinjoni illi "*Secondo l'opinione ora prevalente tuttli gli enti, riconosciuti e non riconosciuti, sono dotati di capacita' giuridika e di agire, sono titolari di diritti personalissimi e partimoniali, possono acquistare e alienare beni senza alcun controllo*."[20]

38. Din il-Qorti tagħlaq il-konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju billi tosserva illi għalkemm il-konvenuti opponew għal din il-kawża bl-eċċezzjoni preliminari illi AKM "la hija persuna ġuridika" u "lanqas korp morali", u li allura skont il-konvenuti l-attriċi hija entita' prattikament ineżistenti f'għajnejn il-liġi u li ma setgħatx tistitwixxi din il-kawża; fl-istess ħin ma ħadu l-ebda azzjoni mis-sena 2007 sal-lum sabiex jattakkaw id-dispożizzjoni testamentarja li permezz tagħha t-testatur ħalla legat immobiljari lill-istess AKM li bl-istess raġunament tal-konvenuti suppost ma għandiex il-fakolta li takkwista jew tiddisponi minn assi ta' kwalunkwe natura.

[19] Fil-pubblikazzjoni *Periodica de re canonica* tal-Pontificia Universita' Gregoriana - Vol. 105, sena 2016; paġni 155-183

[20] op. cit. paġ. 438

39. **Għal dawn ir-raġunijiet tqis dan l-ewwel aggravju bħala infondat u qed tirriġettah**.

40. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jibdew billi jippremettu li jaqblu mal-Ewwel Qorti illi l-legat ma kienx jidħol fis-seħħ kemm-il darba t-testatur kien jeħtieġ jidħol ġod-dar residenzjali ta' AKM u t-talba tiegħu tiġi rifjutata. Mill-banda l-oħra jikritikaw is-sentenza appellata peress li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li t-testatur qatt ma talab lill-AKM sabiex jidħol fid-dar residenzjali tal-anzjani u aċċettat il-verżjoni tal-attriċi illi kienet f'diversi okkażjonijiet offriet lit-testatur sabiex jitlaq mid-dar residenzjali tiegħu u jidħol jirrisjedi fid-dar residenzjali tagħha imma d-*decujus* ripetutament kien jirrifjuta billi jgħid li ma kienx għadu wasal il-waqt.

41. L-appellanti jgħidu illi ma jistgħux jifhmu kif it-testatur li kien qed iħossu waħdu u li ta' spiss kien iċempel lil Joseph Rossi li kien imexxi d-dar kien qed jirrifjuta l-offerta tal-attriċi sabiex jidħol jirrisjedi fid-dar residenzjali tagħha. Tikritika lill-Ewwel Qorti illi ffukat ħafna fuq il-karattru tat-testatur u ma tatx piż lill-kunsiderazzjoni illi mhux verosimili illi t-testatur jipprovdi fit-testment tiegħu li qed jagħti d-dar residenzjali tiegħu lil AKM bil-patt li meta jkollu bżonn jiġi aċċettat f'dik id-dar u li mbagħad meta kien evidenti li kellu bżonn kien jirrifjuta. Jgħidu li "huwa diffiċli li wieħed jifhem" kif persuna li kienet qed tfittex wens billi tkellem lis-Sur Rossi, kienet fl-istess ħin qed tirrifjuta li tidħol f'dik id-dar. Jagħlqu dan l-

aggravju billi jgħidu li l-Ewwel Qorti njorat ix-xhieda ta' l-Avukat Joseph Bonello fejn xehed li t-testatur kien kellmu dwar il-ftehim li kellu ma' AKM.

42. L-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jsostnu illi l-Ewwel Qorti rraġunat tajjeb meta qieset illi kien it-testatur stess li kien jirrifjuta li jidħol fid-dar residenzjali minkejja li f'diversi okkażjonijiet AKM talbitu sabiex jidħol u li għalhekk ma kisru l-ebda kundizzjoni imposta mit-testatur.

43. Dwar li ma seħħitx il-kondizzjoni li kienet twassal għat-tħassir tal-legat imħolli lill-attriċi, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq it-tieni artikolu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil a fol. 8 et seq tal-process li jaqra kif isegwi:
>
> > 'IT-TIENI ARTIKOLU It-testatur qed ihalli b'titolu ta' Legat a favur l-Azzjoni Kattolika il-fond, cioe d-dar inkluz l-back garden u l-garaxx li hu adjacenti ghad-dar, accessibli minn bibien markati ufficjalment bin-numri tmienja u disgha (8 u 9) Notabile Road, Birkirkara, bl-arja libera taghha. Il-garaxx hu bla numru u bla isem u hu accessibli wkoll minn Notabile Road, Birkirkara kif ukoll hu accessibli mid-dar numru tmienja u disgha f'Notabile Road, Birkirkara sabiex la darba tinbiegh din id-dar l-irkavat ta` din id-dar jintuza biss ghallestenzjoni tal-bini tad-Dar ta` l-Anzjani Familja Mqaddsa, Numru tmienja u erbghin (48) Triq Markiz Scicluna, Naxxar.
> >
> > It-testatur jiddikjara illi dan il-legat qed isir u qed jinghata peress illi t-testatur gie mwieghed millAmministrazzjoni li jigi milqut bhala resident f'kaz illi ttestatur jigi fil-bzonn fid-dar fuq imsemmija u li jinghata kamra "single" bil-kamra tal-banju maghha u li jhallas irrata ta` disa` liri Maltin u hamsin centezmu (Lm9.50) kuljum meta jidhol residenti.
> >
> > It-testatur qieghed ukoll jiddikjara illi f'kaz illi hu ma jigix fil-bzonn sabiex jidhol residenti fid-dar tal-Anzjani fuq imsemmija hu xorta wahda jixtieq li l-proprjeta` fuq imsemmija fi Notabile Road Birkirkara tithalla bhala legat 14 lill-Azzjoni Kattolika ghall-iskop fuq imsemmi biss u cioe ghall-estenzjoni tad-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar.

It-testatur ghal kull buon fini qed jiddikkjara illi laffarijiet mobbli kollha li jinsabu fid-dar fuq imsemmija mhumiex inkluzi f'dan il-legat u b'hekk l-affarijiet mobbli tad-dar jghaddu a favur l-eredi tat-testatur kif ser jinghad hawn taht.'

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa dan it-tieni artikolu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 u taqbel mal-intimati li dan il-legat verament kien suggett ghall-kundizzjoni li kienet li t-testatur jigi milquh bhala resident fid-dar tal-anzjani, f'kamra singola bil-kamra tal-banju maghha, dejjem jekk it-testatur jigi fil-bzonn. F'xenarju fejn it-testatur ma jigix fil-bzonn li jidhol bhala resident fid-dar talAnzjani, t-testatur stipula li l-legat xorta jghaddi f'idejn irrikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija b'dan li r-rikavat mill-bejgh kellu jigi utilizzat biss ghall-estenzjoni tad-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar.

Ghalhekk dak li ghandha tinvestiga din il-Qorti hu jekk effettivament it-testatur Emanuel Farrugia giex fil-bzonn li jigi milqugh bhala resident fid-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar u jekk dan sehh u gie not lill-Amministrazzjoni tal-Azzjoni rikorrenti, da parti taghha l-Amministrazzjoni naqsitx milli tipprovdi dan.

[…]

Kunsiderazzjonijiet:

Mill-atti huwa car li hemm zewg verzjonijiet totalment diversi dwar dak li xtaq jew talab Emanuel Farrugia lejn l-ahhar ta' hajtu. Il-konvenuti jishqu li l-mejjet Emanuel Farrugia meta gie fil-bzonn u talab sabiex jidhol residenti fil-Home skonthom dan ma ddahhalx. Min-naha taghha r-rikorrenti tinsisti li offriet diversi drabi l-possibilita' lil Emanuel Farrugia sabiex imur jirrisjedi filHome madanakollu huwa dejjem infurmaha li kien ghadu mhux ilmument.

Illi l-Qorti rat li mill-mod kif gie deskritt il-mejjet mill-konvenuti, jirrizulta li t-testatur Emanuel Farrugia kien bniedem misthi, skrupluz u ma jhobb idejjaq lil hadd (ara deposizzjoni ta' Rita Bonello a fol. 85 et seq tal-process u deposizzjoni ta' Monica Runco a fol. 110 et seq tal-process). Il-Qorti tifhem li r-raguni primarja l-ghaliex it-testatur ried kamra singola bil-kamra tal-banju maghha meta jasallu z-zmien li jidhol fil-Home kienet proprju minhabba dan. Dan gie rifless ukoll fid-dispozizzjoni testamentarja tieghu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 (fol. 8) precizament fit-Tieni Artikolu, fejn it-testatur ghazel li jnizzel specifikatament il-kliem '…f'kaz illi t-testatur jigi fil-bzonn fid-dar fuq imsemmija…'. Minn dan il-kliem jinsorgi li x-xewqa tat-testatur kienet li jidhol fid-Dar ta' l-Anzjani biss jekk jigi fil-bzonn. It-testatur ha hsieb ukoll li jkopri c-cirkostanza f'kaz li ma jigix bzonn li jmur fid-dar tal-Anzjani, fejn huwa xorta stipula li l-legat ghandu jghaddi a favur tal-Azzjoni Kattolika Maltija.

Il-Qorti tinnota li l-applikazzjoni tat-testatur Emanuel Farrugia sabiex jidhol jirrisjedi fid-Dar tal-Anzjani giet intavolata lura fis-16 ta' April, 1996 (a fol. 68). In-notamenti cioe' id-dati miktubin bl-uzu tal-pinna fil-parti ta' isfel tal-applikazzjoni, li jirrapprezentaw id-dati li fihom it-testatur gie ikkuntatjat sabiex jigi vverifikat jekk huwiex interessat li jmur jirrisjedi fid-Dar tal-Anzjani, jidher li bdew isiru fit-12 ta' Awwissu, 2002 u baqghu ghaddejjin sas-27 ta' Mejju, 2006 (mhux car hux Mejju jew Gunju). Il-Qorti tinnota li hdejn din id-data tnizzel notament partikolari u cioe' 'Int . . only for the New Wing'. Dan jirrifletti dak li jixhdu dwar id-decuius tista' tghid ix-xhieda kollha fl-atti u cioe' li hu ried li jkollu kamra bil-kamra tal-banju maghha u jirrizulta li dawn kienu possibbli biss fl-estensjoni l-gdida. Ix-xhud Joseph Rossi jghid ukoll li apparti d-dati mnizzla kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn hu personalment kien stieden lit-testatur Emanuel Farrugia sabiex imur jirrisjedi fid-Dar tal-Anzjani u li notament taghhom ma sarx.

Illi da parti tal-konvenuti l-uniku xhud li tghid li sar tentattiv fejn avvicinat lid-Dar tal-Anzjani kienet dik ta' Rita Bonello (fol. 57) li xehdet li waqt li kienet konferenza kienet kellmet direttament lisSur Joseph Rossi dwar it-testatur Emanuel Farrugia u dan da parti tieghu qalilha li ser jikkuntattjah. Ix-xhud Monica Runco (fol. 110) tghid li marret darba l-home ma zijuha t-testatur Emanuel Farrugia pero' ma dahlitx ghaliex ma dahluhiex. Tghid li dakinhar zijuha qalilha li ma tawhx kamra u li talbuh hafna flus. Il-Qorti millassjem tal-atti u wkoll minn notamenti fuq l-applikazzjoni li jaslu sa anqas minn sena qabel gie nieqes Emanuel Farrugia, tqis li huwa aktar probabbli li dakinhar li z-Ziju mar il-Home hu jew ma kienx kuntent bil-kamra offerta lilu jew xorta wahda kien ghadu mhux qed ihoss il-bzonn li jingabar fl-istess. Dwar il-flus inghad li lil din ix-xhud qalilha li talbuh tmintax-il Euro kuljum li meqlubin ghal Liri Maltin jigu anqas minn tmien Liri Maltin (Lm8) allura anqas minn kemm kien gie miftiehem mal-istess dar kif jidher fliskrittura ffirmata minnu esebita a fol. 172 tal-process, li tindika ssomma ta' disa' Liri Maltin u nofs kuljum (Lm9.50). Il-Qorti aktar temmen li sa dakinhar li hu mar il-Home ma' din ix-xhud iz-ziju li stennietu barra kien ghadu mhux lest li jingabar fid-dar, izda probabilment minhabba l-karattru riservat tieghu kien aktar komdu jibqa' d-dar u ma riedx juri b'dan lill-qraba tieghu.
Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma marx fid-Dar tal-Anzjani fuq ghazla libera tieghu, ghaliex ma kienx ihoss li kellu bzonn imur u mhux ghar-raguni allegata mill- konvenuti li ma nghatax kamra meta talabha. Mill-banda l-ohra l-Qorti tqis li r-rikorrenti kellha kull incentiv li taghti l-kamra meta mitluba kif jirrizulta li kien joffri diversi d-drabi r-rapprezentant taghha Joseph Rossi, filwaqt li ma jaghmel l-ebda sens logiku li kienet tirrifjuta l-kamra in vista tac-cirkustanzi tal-ftehim bejn ilpartijiet.

Ukoll il-Qorti tosserva li t-testment sar fit-18 ta' Dicembru, 2004 (fol. 8). It-testatur miet ferm wara u cioe' fil-21 ta' April, 2007 (fol. 3) u ghalhekk jekk hass li r-rikorrenti ma kinitx qed ittih is-servizz miftiehem kellu kull possibilita' li jibdel it-testment izda dan ma ghamlux. Finalment skont ix-xiehda ta' Rita Bonello jirrizulta li lkundizzjoni tat-testatur aggravat

ferm ghall-aghar f'daqqa wahda lejn l-ahhar xhur ta' hajtu tant li kellu jigi rikoverat l-isptar. Jirrizulta li f'dawn iz-zminijiet hadd mill-familjari tad-decuius ma ghamel kuntatt mal-Home tant li Joseph Rossi jikkonferma wkoll li ma kienx gie nfurmat bil-mewt tieghu.

Finalment il-Qorti tqis li ghandha tirrileva li l-konvenuti qed jippretendu li din il-Qorti temmen il-verzjoni taghhom li r-rikorrenti rrifjutat il-kamra lit-testatur tul hajtu filwaqt li mill-provi rrizulta li qatt hadd minnhom ma ghamel personalment kuntatt dirett mal-Home sabiex jivverifikaw verament il-fatti u wkoll jekk verament it-testatur kellu bzonn il-kamra jikkonfermaw huma stess li din effettivament kienet qed tigi rifjutata lilu. Il-Qorti temmen il-verzjoni tar-rikorrenti li hija korroborata minn xhud u dokumenti li kien l-istess testatur li dejjem baqa' jzomm lura milli jaccetta li l-kundizzjoni tieghu kienet li ma setax jibqa' jghix wahdu u li kien wasal iz-zmien li jmur jghix fil-Home. Jirrizulta ghalhekk lill-Qorti li kien l-istess testatur li qatt ma hass verament il-bzonn li jmur jirrisjedi fil-Home ghalkemm huwa minnu li lil hinn minn dak li kien jahseb l-istess testatur, l-kundizzjoni ta' sahha tieghu kienet tirrikjedi li hu jaghmel hekk."

44. Din il-Qorti ma ssib assolutament xejn li tista' tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Il-konvenuti prattikament itennu s-sottomissjonijiet tagħhom ta' quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirriżultax illi r-raġunament tal-Ewwel Qorti mhux sostnut mill-provi.

45. Sew irraġunat l-Ewwel Qorti illi jekk verament kienu jafu li t-testatur kien qed jitlob li jidħol fid-dar residenzjali u AKM kienet qed tirrifjuta t-talba tiegħu, x'kien li lanqas għamlu l-iċken tentativ sabiex jikkomunikaw ma' AKM meta zijuwhom kien għadu ħaj? Jekk ma kienux jafu li hemm dak il-legat iżda kif stqarrew kienu konxji li t-testatur ma kienx għadu ta' waħdu; għaliex ma ħadu l-ebda passi sabiex jiġi rikoverat f'dar residenzjali privata jew pubblika? Dan in-nuqqas huwa ċ-ċertifikat li proprju kien it-testatur innifsu li kien qed jirrifjuta li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jabbanduna d-dar

residenzjali tiegħu u jmur jirrisjedi f'dar tal-anzjani. Xenarju dan illi sewwasew għandu mill-verosimili peress li mhux ħaġa rari li l-persuni anzjani ma jaċċettawx faċilment il-ħtieġa li jabbandunaw b'mod permanenti d-dar residenzjali tagħhom speċjalment jekk ikunu għexu għomorhom kollu fiha.

46. Filwaqt li din il-Qorti taqbel pjenament mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li ma jagħmilx sens li AKM tirrifjuta talba tat-testatur sabiex jidħol fid-dar tagħha meta kellha kull interess li tilqgħu f'darha tenut kont il-konsapevolezza tagħha matul ħajjet it-testatur dwar il-legat lilha mħolli; din il-Qorti żżid il-konsiderazzjoni illi kif jirriżulta mill-assjem tal-provi, jekk xejn kienu l-konvenuti li kellhom interess li t-testatur ma jidħolx jirrisjedi fid-dar residenzjali ta' AKM.

47. Din il-Qorti għarblet il-provi kollha miġjuba mill-partijiet u bħall-Ewwel Qorti tikkonkludi illi kien it-testatur li irrifjuta diversi drabi li jidħol fid-dar tal-anzjani immexxija minn AKM.

**48. Għaldaqstant tiċħad ukoll dan it-tieni aggravju.**

**Appell Inċidentali**.

49. Permezz tal-appell inċidentali tagħha l-attriċi tressaq żewġ aggravji.

50. Permezz tal-ewwel aggravju l-attriċi tgħid illi ma taqbilx mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-legat kien marbut mal-kundizzjoni li meta t-testatur jitlob li jidħol fid-dar tal-anzjani huwa jiġi aċċettat minn AKM. Tenut kont li l-appell tal-konvenuti qed jiġi miċħud in *toto*, il-mertu ta' dan l-aggravju huwa llum eżawrit u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

51. Permezz tat-tieni aggravju fl-appell inċidentali AKM tirreferi għaċ-ċaħda tat-talba tagħha għal ordni ta' żgumbrament mill-Ewwel Qorti. Tgħid illi meta qed titlob l-immissjoni fil-pussess, apparti l-pussess formali qed titlob ukoll il-pussess materjali tal-immobbli, liema pussess jinstab f'idejn il-konvenuti.

52. Fl-akkoljiment tal-ħames eċċezzjoni u ċ-ċaħda tat-talba attriċi għall-iżgumbrament tal-konvenuti l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Illi l-Artikolu 156 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddetta x'ghandu jkun fih ir-rikors guramentat.
>
> […]
>
> Mill-artikolu appena kwotat jirrizulta li huwa rikjest li d-dikjarazzjoni ghandha tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba. Il-Qorti tinnota li fir-rikors guramentat odjern id-dikjarazzjoni li saret f'paragrafi enumerati mill-wiehed (1) sal-erba' (4) bhala oggett tal-kawza titratta unikament il-legat imholli lir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija. Fid-dikjarazzjoni ma sar l-ebda accenn ghall-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond, ghajr accenn brevi fit-talba. In oltre fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar jekk hemm xi

hadd mill-konvenuti li qed jokkupa l-proprjeta' in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni hija gustifikata limitatament ghal dik il-parti tat-talbiet fejn jintalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-proprjeta' mertu tal-legat."

53. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan it-tieni aggravju fl-appell inċidentali huwa fondat.

54. Meta l-attriċi qed titlob lill-Qorti tordna l-immissjoni fil-pussess tal-immobbli, tali talba intrinsikament tinkludi li l-immobbli jiġi mgħoddi lill-attriċi bil-pussess vakant.

55. Il-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet jgħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt, *devolutio hereditatis*.[21] Kif jgħid **Caruana Galizia**, il-pussess tal-assi ereditarji jgħaddi f'idejn l-eredi mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att da parti tagħhom; anke addirittura mingħajr l-għarfien tagħhom.[22] Jekk il-mejjet ma jkunx iddispona ħlief minn biċċa biss tal-wirt, u l-bqija tgħaddi favur il-werrieta leġittimi, il-pussess jiġi, bis-saħħa tal-liġi, ittrasferit lill-werriet testamentarju u lill-werriet leġittimu, kull wieħed skont is-sehem li jkun imissu.[23] Jekk xi persuna li jidhrilha illi għandha jedd fuq il-ħwejjeġ tal-wirt tieħu pussess tagħhom, il-werrieta li lilhom jiġi bis-saħħa tal-liġi ttrasferit il-pussess jingħaddu li ġew fil-fatt

[21] Art. 836, Kodiċi Ċivili
[22] Notes on Civil Law – Of Succession, l-Universita' ta' Malta, paġ. 1,098
[23] Art. 837, Kodiċi Ċivili

imneħħijin mill-pussess, u jistgħu jeżerċitaw kull azzjoni li tmiss lill-pussessuri leġittimi.[24]

56. Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dakinhar tal-mewt tat-testatur, jedd li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat.[25] Ifisser dan illi l-proprjeta' tal-legat tgħaddi għand il-legatarju mal-ftuh tas-suċċessjoni u mhux mal-immissjoni fil-pussess. (ara **Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi[26] ;** u **Antonia Grech et. v. Carmelo Farrugia:**[27]

57. Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija legat. Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku. Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.[28] Il-ħaġa mħollija legat titqies li ġiet imħollija, u għandha tiġi kkunsinnata, bl-aċċessorji meħtieġa tagħha, u fil-kondizzjoni li tkun tinsab dakinhar tal-mewt tat-testatur.[29]

58. "Hu ormai materja ta' *jus receptum* illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-

---

[24] Art. 838, Kodiċi Ċivili
[25] Art. 721, Kodiċi Ċivili
[26] Prim' Awla - 14 ta' Ottubru, 2004
[27] Prim' Awla - 18 ta' Ottubru 1960
[28] Art. 726, Kodiċi Ċivili
[29] Art. 731 (1), Kodiċi Ċivili

legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI.p.492; XXVIII.pp. 537-543; u Vol. XXIX.i.683)" (**Carmela Sammut v. Av. Dr. Giuseppe Sacco noe.** - Qorti tal-Appell - 21 ta' Mejju, 1955).

59. Jekk qabel it-testment, jew wara, il-ħaġa mħollija legat tkun ġiet imgħobbija b'użufrutt, b'renta, jew b'piż ieħor perpetwu jew temporanju, il-legatarju jeħodha bil-piż li jkun hemm fuqha. Iżda jekk il-ħaġa mħollija legat tkun marbuta b'ipoteka għal djun oħra, dak li għandu jħallas il-legat hu fid-dmir li jagħmilha ħielsa, meta t-testatur ma jkunx ordna xort'oħra.[30]

60. Fl-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti ma resqu l-ebda difiża illi apparti li huma eredi universali tat-testatur, għandhom xi titolu ieħor fuq dak l-immobbli, bħal ngħidu aħna xi titolu ta' kera. Id-difiża tal-kovenuti fil-mertu kienet tirrigwarda biss il-pretensjoni tagħhom li bl-aġir tagħha AKM tilfet il-jedd li tirċievi l-legat lilha mħolli. Ma ċaħdux lanqas illi huma għandhom il-pussess materjali tal-immobbli mertu tal-kawża.

61. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti meta akkoljiet il-ħames eċċezzjoni msejsa fuq id-difiża li t-talba għall-iżgumbrament ma setgħatx issir "mingħajr ma saret talba għal dikjarazzjoni li huma qed jokkupaw mingħajr ebda titolu validu fil-liġi". Din

[30] Art. 732, Kodiċi Ċivili

l-eċċezzjoni tfalli peress illi mhux minnu li l-konvenuti għandhom il-pussess tal-immobbli *de quo agitur* mingħajr ebda titolu. Għandhom il-pussess *qua* eredi universali tat-testatur u *qua* eredi universali li għandhom għadda l-pussess tal-immobbli għandhom, kif rajna, l-obbligu statutorju li jgħaddu dak il-pussess lill-attriċi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Maurice Pace Decesare et. v. Joseph Meli** mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1998: "... zgur li l-ligi riedet illi l-legatarji, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tattestatur, ma ghandux id-disponibilita' shiha ta' l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta li min-naha taghhom sa dak il-mument ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghaliex ikun thalla lil haddiehor".

62. Għalhekk, kuntrarjament għal kif qisitha l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqisx il-ħames eċċezzjoni fondata peress illi mhux minnu dak eċċepiet mill-konvenuti li sabiex l-attriċi titlob l-immissjoni fil-pussess tal-immobbli u kontestwalment l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-istess immobbli kien meħtieġ li qabel xejn titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-konvenuti qed jiddetjenu l-immobbli "mingħajr ebda titolu validu fil-liġi".

**63. Tqis għalhekk siewi t-tieni aggravju fl-appell inċidentali tal-attriċi u konsegwentement qed tilqgħu.**

**Decide**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' l-appell prinċipali u l-appell inċidentali billi,

1. Tiċħad l-appell prinċipali,

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel aggravju fl-appell inċidentali filwaqt li tilqa' t-tieni aggravju fl-appell inċidentali.

3. Tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha fejn laqgħet il-ħames eċċezzjoni u ċaħdet it-talba għall-iżgumbrament tal-konvenuti; u minflok tiċħad il-ħames eċċezzjoni filwaqt li tilqa' t-talba attriċi għall-iżgumbrament tal-konvenuti u għalhekk tordnalhom jiżgumbraw mill-immobbli mertu tal-kawża sa mhux aktar tard minn xahar mil-lum.

4. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; l-ispejjeż tal-appell prinċipali u tal-appell inċidentali a karigu tal-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb